MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1883/2002

**Val Valente**

**vs**

**Melaine Kelly u b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2002 wara l-isem Melanie Kelly jizdiedu l-kliem "illum mizzewga Portelli"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Awissu, 2002 fejn l-attur talab il-hlas ta' mitejn u hamsa u disghin lira (Lm295) dovuta skond ftehim datat 10 ta' Ottubru, 2001 (Dok A) u wara servizzi rezi mill-attur.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax mit-28 ta' Gunju, 2002.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-24 ta' Settembru, 2002 fejn intqal illi t-talba qed tigi kontestata stante li:**
**1. Hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**
**2. L-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li s-servizzi rezi mill-attur ma kienux skond it-termini ta' dak li gie miftiehem bejn il-partijiet u in oltre stante li l-attur ma onorax it-termini tal-ftehim bejn il-partijiet.**
**3. L-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li l-attur ma ppreztax is-servizzi kollha li obbliga ruhu li jippresta.**
**4. Minghajr pregudizzju ebda mghax ma hu dovut skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Val Valente, PC 427 Ray Attard, Raymond Kelly, Melaine Portelli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq skrittura datata 10 ta' Ottubru, 2001 li biha kien intrabat li jaghti servizzi ta' muzicisti waqt it-tieg tal-konvenuta.**
**2. Skond dan il-kuntratt kellu jkun hemm erba' (4) muzicisti u l-attur u kellhom idoqqu ghal massimu ta' erba' (4) sighat.**
**3. Kien inghata depozitu lill-attur fl-ammont ta' hamsin lira skond il-kont mibghut mill-attur Dok A, ir-reception damet mid-9:00pm. sas-1:00a.m. u ta' dawn zamm tlett mitt lira (Lm300) filwaqt li zamm hamsa u erbghin lira ohra (Lm45) ghal hin zejjed wara s-1:00a.m. u precizament sa-1:30 a.m, b'hekk jigi illi l-attur qed jippretendi l-bilanc ta' mitejn u hamsa u disghin lira (Lm295).**
**4. L-attur qed isostni li kien sar ftehim mal-konvenuta fil-prezenza ta' l-gharus taghha. F'dan il-ftehim kien gie stipulat illi biex idoqq wara l-11 :00p.m. ried il-permess tal-pulizija, u l-konvenuta**

**kienet qaltlu li ggib il-permess. Skond l-istess attur il-kuntratt kien ikopri erba' sighat (4).**

**5. Raymond Kelly missier il-konvenuta jikkonferma illi l-attur kellu jdoqq ghal mhux anqas minn erba' sighat u juza erba' minn nies. Dejjem skond dan ix-xhud, liema xhieda trid tittiehed fil-perspettiva gusta taghha, l-ftehim kien li wara l-11:00p.m. jkompli jdoqq pero' jbaxxu l-istorbju. Ix-xhud ighid li l-ftehim kien illi wara l-11:00p.m. l-attur kien ser jibqa' hemm biex idoqq ghal qsim tat-torta u ghal *going away.***

**6. Il-konvenuta tghid li l-ftehim kien li l-attur idoqq ghal minimu ta' erba' sighat mid-9:00p.m. sas-1:00a.m. b'erba' minn nies.**

**7. L-ilment principali tal-konvenuta huwa illi l-attur waqaf idoqq fil-11:00p.m. u rega' daqq biss ghal qsim tal-cake u ghal *going away.* Ilment iehor kien ukoll dwar il-posizzjonar tal-bandisti illi l-banda kellha tkun barra u fil-fatt ma kienetx. Apparti minn dan il-konvenuta ilmentat ukoll dwar il-fatt illi wara l-11:00p.m. kien hemm zewg muzicisti u mhux erba' ghal qsim tal-cake.**

**8. Jirrizulta illi dak inhar tat-tieg qamet kwistjoni meta fil-11:00p.m. waqaf idoqq. It-Tribunal jirrileva illi skond ma xehed PC 427 Ray Attard ma kienx hemm ilmenti pero' xorta waqfu jdoqqu wara l-11:00p.m., u jidher li l-istess kuntistabbli gustament intervjena sabiex l-attur idoqq fil-qsim tal-cake u fil-*going away*.**

**9. It-Tribunal isib l-agir ta' l-attur ferm deplorevoli, in kwantu f'okkazzjoni ta' tieg dana minghajr raguni valida u kontra kull ftehim u intiza li kien hemm mal-konvenuta, irvinalha l-gurnata tat-tieg. Ghalhekk it-Tribunal jinnota l-fatt li issa l-attur jippretendi wkoll li jithallas l-ammont intier meta hu ta servizz biss ghal saghtejn minflok erba', u meta hu fil-qsim tal-cake u fil-going away uza zewg bandisti biss, dana definittivament ma hux accettabli. It-Tribunal ma jistax ma jirrilevax dak li gustament issottometta l-abbli difensur tal-konvenuta meta dan is-sottometta illi l-ftehim verbali li wara gie redatt bil-kitba ma kienx jinkludi l-affarijiet kollha. In oltre jirrizulta wkoll li l-attur lanqas ma rama l-orkestra tieghu fil-post stabilit u cioe' fuq barra.**

**10. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha t-Tribunal iqis illi in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jaghmlu sens pero' t-Tribunal ma jaccettax illi l-ebda ammont ma hu dovut.**
**11. In kwantu l-istess attur daqq biss ghal nofs il-hin stipulat li ghalih qed jippretendi l-hlas ta' tlett mitt lira (Lm300), kunsidrat ukoll il-fatt illi lanqas ma pposizzjona l-muzicisti fejn miftiehem, ghandu jithallas anqas minn nofs dan l-ammont, li t-Tribunal arbitrio boni viri qed jiffissa fis-somma ta' tmenin lira (Lm80). In oltre ghal muzika li daqq ghal qsim tal-cake u fil-going away fejn qed jippretendi hamsa u erbghin lira (Lm45), it-Tribunal tenut kont tal-fatt li kien hemm zewg muzicisti biss iqis li s-somma ta' ghoxrin lira (Lm20) bhala kumpens hija sufficjenti. Ghalhekk, tenut kont li l-konvenuta ghamlet depozitu ta' hamsin lira (Lm50) jigi illi ghad fadlilha li ghandha taghti lill-attur is-somma ta' hamsin lira (Lm50).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hamsin lira (Lm50) u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' hamsin lira (Lm50). Bl-imghaxijiet dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------